**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Revoka Nru: 975/2022 AF**

Fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 1386/22 AF fl-ismijiet:

**Ivan Cini**

**vs**

**SYS Malta Holding Ltd (C-71997)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SYS Holding Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, din il-Qorti ntalbet:

1. Tirrevoka *in toto* il-mandat ta' qbid kawtelatorju surreferit skond il-provvedimenti tal-Artikolu 836(1)(d) ikkwotat fis-suespost.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ta' Ivan Cini.

Rat id-dokument anness.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, SYS Malta Holding Limited qed tittenta thassar mandat kawtelatorju mahrug fil-konfront taghha minn Ivan Cini sabiex l-istess Cini jikkawtela kreditu li jsostni li jgawdi fil-konfront ta' SYS Malta Holding Limited ghall-hlas ta' servizzi professjonali minnu rezi. SYS Malta Holding Limited issejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836(1)(d) li testwalment jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv."*

Il-Qorti tirreferi ghad-digriet taghha moghti llum fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 1255/12. Tqis illi l-konsiderazzjonijiet hemm maghmula mill-Qorti jsibu pjena applikazzjoni fil-kuntest ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' SYS Malta Holding Limited kontenuta fir-rikors taghha tal-24 ta' Ottubru 2022.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF